

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-18 ta' Ottubru 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landgericht München I – il-Ġermanja) – Bastei Lübbe GmbH & Co. KG vs Michael Strotzer**

(Kawża C-149/17) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati — Direttiva 2001/29/KE — Rispett tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali — Direttiva 2004/48/KE — Kumpens fil-każ ta' kondiviżjoni ta' fajls bi ksur tad-drittijiet tal-awtur — Konnessjoni mal-internet aċċessibbli għal xi membri tal-familja tad-detentur — Eżenzjoni tar-responsabbiltà tad-detentur mingħajr il-ħtieġa li tiġi speċifikata n-natura tal-użu tal-konnessjoni mill-membri tal-familja — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 7)*

(2018/C 455/15)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht München I

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Bastei Lübbe GmbH & Co. KG

Konvenut: Michael Strotzer

**Dispożittiv**

L-Artikolu 8(1) u (2) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, moqri flimkien mal-Artikolu 3(1) tagħha, minn naħa, u l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, min-naħa l-oħra, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, interpretata mill-qorti nazzjonali kompetenti, li tgħid li d-detentur ta' konnessjoni mal-internet, li permezz tagħha twettaq ksur tad-drittijiet tal-awtur permezz ta' kondiviżjoni ta' fajls, ma jistax jinżamm responsabbli, kemm-il darba huwa jindika lil minn tal-inqas membru wieħed tal-familja tiegħu, li kellu l-possibbiltà li jaċċedi għal din il-konnessjoni, mingħajr ma jagħti iktar dettalji fir-rigward tal-mument meta l-imsemmija konnessjoni ntużat minn dan il-membri tal-familja tiegħu u dwar in-natura tal-użu li dan tal-aħħar għamel minn din il-konnessjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 213. 03.07.2017

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-18 ta' Ottubru 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari ta Supreme Court of the United Kingdom – ir-Renju Unit) – Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs vs Volkswagen Financial Services (UK) Ltd**

(Kawża C-153/17) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 168 u 173 — Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Tranżazzjonijiet ta' xiri bin-nifs ta' vetturi — Oġġetti u servizzi użati fl-istess ħin għal tranżazzjonijiet taxxabbli u għal tranżazzjonijiet eżenti — Tnissil u portata tad-dritt għal tnaqqis — Proporzjon li tista' titnaqqas*

(2018/C 455/16)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Qorti tar-rinviju**

Supreme Court of the United Kingdom